

Il-Ħamis 19 ta' Jannar 2012

L-adeżjoni tal-Unjoni mar-Regolament Nru 29 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti ***

P7_TA(2012)0005

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mar-Regolament Nru 29 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar id-dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-kabina ta' vettura kummerċjali (13894/2011 – C7-0303/2011 – 2011/0191(NLE))

(2013/C 227 E/11)

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (13894/2011),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 4(2), it-tieni subparagrafu, tad-Deċiżjoni 97/836/KE tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 1997 bil-ħsieb tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jkunu iffittjati ma' u/jew ikunu wżati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet reċiproċi tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ('Ftehim Rivedut tal-1958') ⁽¹⁾ (C7-0303/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 81 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0005/2012),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78.

Is-sikurezza tal-persuni mixjin fit-triq u s-sorsi tad-dawl minn dijodu li jemmetti d-dawl (LED) ***

P7_TA(2012)0006

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Jannar 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar is-sikurezza tal-persuni mixjin fit-triq u fir-rigward tal-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar is-sorsi tad-dawl minn dijodu li jemmetti d-dawl (LED) (13895/2011 – C7-0302/2011 – 2011/0188(NLE))

(2013/C 227 E/12)

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (13895/2011),